**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

**MINUTI**

**Laqgħa b'urgenza tal-Kunsill Lokali Bormla**

**Is-8 LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 08/2024**

7 ta' Mejju 2024

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Marco Agius | - Sindku |
| Johann Scerri | - Kunsillier |
| Marinn Vella | - Kunsillier |
| Rita Gatt | - Kunsilliera |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| James Cauchi | - Kunsillier |
| Melanie Agius | - Kunsilliera |

**ASSENTI**

Noyah Spiteri Hammett - Viċi Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

**08.1** **Qari ta' ittri ta' apoloġija**

Il-Kunsillier is-Sur James Cauchi kif ukoll il-kunsilliera is-Sa Melanie Agius, bagħtu ittri t'appoloġija sabiex jiġu skużati mis-seduta datata 7 t' April 2024.

**08.2** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti**

Id-deputat segretarju eżekuttiv bagħtet il-minuti numru 8/2024 permezz ta' imejl fejn ġew approvati mil-kunsillier is-Sur Johan Scerri u ġew is-sekondati mis-Sa. Rita Gatt.

**08.3** **Kommunikazzjonijiet mis-Sindku**

**08.3.1** Is-sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti dwar li fil-15 t' April 2024 attenda għall-konferenza stampa flimkien mad-deputat seg eżekuttiv fejn ingħataw id-dettalji għal-kunċert ta' Jum il-Ħelsien li saar fit-23 t' Arpil 2024 ġewwa l-Mediterran.

**08.3.2** Is-Sindku is-Sur Marco Agius informa l-kunsilliera preżenti li fis-26 t' April 2024 attenda għall-iffirmar tal-MOU tal-public works sabiex il-kunsill ikun jista' japplika għall-proġett ta' bankini mil-fond li ser jingħata lil kunsilli kollha.

**08.3.3** Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti imejl datata 3.05.2024 – 16:38 minn HR General FTIAS sabiex min jixtieq jista' jgħati d-demm ġewwa Smart City nhar L-Erbgħa 12 ta' Ġunju 2024 bejn 9:00 – 13:00

**08.3.4** Is-Sinkdu ikkomunika mal-kunsilliera preżenti dwar imejl minn Transport Malta datata 3.05.2024 – 08:50 dwar personal reserved parking tas-Sur Matthew Vassallo fi Triq il-Pellegrinaġġ.

**08.3.5** Is-Sindku qara l-imejl datata 2.05.2024 – 17:00 – Ġemma fejn ser issiru diskussjonijiet għall-pubbliku u promozzjoni kif wieħed għandu jfaddal u jeduka fil-qasam tal-kapaċitajiet tal-finanzi. Min hu interessat jagħafas fuq il-link tal-imejl li intbgħatet lill-kunsilliera kollha.

08.3.6 Is-Sindku informa lil-kunsilliera preżenti dwar imejl minn għand is-Sinj Maria De Martino fejn qed tinforma lil kunsill li hemm sprall perikoluż quddiem 124 Triq ix-xatt sabiex il-kunsill iqabbad kuntrattur / ħaddied. Il-Kunsilliera preżenti qablu dwar dan ix-xogħol.

08.3.7 Is-Sindku is-Sur Marco Agius ikkomunika mal-kunsilliera preżenti dwar seminar fuq l-EU Climate Pact fi- 8 ta' Mejju 2024 bejn 9:00 u 14:00 ġewwa ir-Radisson Blu Golden Sands, intbgħatet imejl lil kunsilliera kollha.

08.3.8 Is-sindku informa lil kunsilliera preżenti li għandhom invit li intbgħat b'imejl datata 2.05.2024 – 12:54 minn għand Justine Decelis – AKL dwar laqgħa ta' informazzjoni dwar Digital Week 6th May 2024 bejn 13:00 – 15:00 f' Ġnieni is-serenita f' Santa Lucia.

08.3.9 Is-Sindku is-Sur Marco Agius informa lil kunsilliera preżenti li irċieva stedina permezz ta' imejl datata 2.05.2024 – 13:25 – Skema mħabbra mill-Aġenzija LESA fejn ġew mistiedna s-sinkdi u segrtarji nhar il-Ħamis fid-9 ta' Mejju 2024 bejn 9:00 u l-10:00 fi Ġnien l-istazzjon f' B'Kara dwar proġetti fil-komunita.

08.3.10 Is-Sindku is-Sur Marco Agius saqsa lid-deputat segretarju eżekuttiv is-Sa Graziella Gellel dwar il-permess taċ-chairlift quddiem ir-rampa tal-bieb tal-kunsill fejn is-Sa Graziella Gellel bagħtet imejl datata 26.04.2024 – 11:02 – lil-Perit Deter Falzon fejn il-perit daħħal l-applikazzjoni mal-lands dwar iċ-chairlift ta' quddiem il-bieb ta' barra tal-kunsill minflok ir-rampa u din tista tinħadem it-tender għal dan iċ-chairlift.

08.3.11 Id-deputat segretarju eżekuttiv infurmat lil kunsilliera preżenti dwar l-MOU tal-Project Green datata 2.05.2024 – 8:48 minn għand is-Sa. Costa Beverly sabiex jiġi iffirmat.

08.3.12 Is-Sinkdu ikkomunika mal-kunsilliera preżenti li l-kunsill irċieva imejl datata 30.04.2024 dwar invit mill-kunsill tal-Furjana lis-Sindku u l-kunsilliera kollha għall – 300 sena mill-fondazzjoi tal-Floriana fid-9 ta' Mejju 2024 – il-programm mehmuż mal-imejl intbgħatet lil kunsilliera kollha.

08.3.13 Is-Sindku informa lil kunsilliera preżenti li l-kunsillier Johan Scerri bagħat rapport dwar il-laqgħa li kellu mal-artist cordinator is-Sur Jason Zerafa u l-Viċi Sindku is-Sa. Noyah Spiteri Hammett dwar Short Play Festival datat 28.04.2024 sabiex tiġi diskussa l-applikazzjoni biex titella' fuq il-paġna tal-kunsill. Wara diskussjoni bejn il-kunsilliera preżenti ġie miftiehem li jsir bħas-sena l-oħra. Is-Sur Johan Scerri issuġġerixa li din is-sena jkun hemm differenza li issiru tlett sezzjonijiet ta' lezzjonijiet ta' drama differenti fejn ikun hemm 8 għalliema renomati fid-drama. L -applikazzjoni tinfetaħ għall 60

student , 20 student għal kull klassi ta' etajiet li jvarjaw minn sitt snin sa 14 il-sena, il-ħin ikun mid-9:00am sas-1:00pm għall-prezz ta' 1800 ewro. Is-Sur Johan Scerri issuġġerixxa li dwn il-workshops issiru fl-iskola primarja biex din is-sena jintlaħħqu aktar żoni madwar Bormla, kif ukoll issuġġerixa li issir short play fejn il-klabb tal-boċċi ukoll. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma din il-proposta tas-Sur Johan Scerri.

**08.3.14** Is-Sinkdu informa li l-kunsill irċieva imejl datata 24.04.2024 – 17:22 mis-Sur Etienne Psaila mit-TM dwar ilmenti fi Triq Dwardu sabiex issiru bollards fuq yellow lines, dawn saru u l-kunsill irċieva wkoll proset mit-TM.

**08.3.15** Is-Sindku informa lil kunsillier preżenti dwar imejl datata 28.04.2024 – 9:25 minn għand Danillo Castrolla bagħat imejl dwar partnerships mal-Euro Med din l-imejl intbgħatet lil kunsilliera kollha għall attenzjoni tagħhom. Id-deputat segretarju eżekuttiv spjegat dwar xi proġetti jistgħu ikunu partners fejn hemm lista tal-pajjiżi li huma msieħba bħala *networking – Innovation of advanced technologies*, riċerki, diskussjonijiet eċċ.

**08.3.16** Is-Sindku informa lil kunsilliera dwar imejl datata 27.04.2024 – 10:58 minn għand is- Sa Lianne Cassar mill-AKL fejn bagħtet ċirkulari dwar il-Fond inufrzar LESA. Intbgħatet imejl lil kunsilliera kollha, b'dawn il-fondi il-kunsilli tal-kottonera ser iħallsu l-avveniment tal-ewwel tas-sena tal-kottonera.

**08.3.17** Is-Sindku qara l-imejl datata 12.04.2024 – 11:53 mis-Sa.Camilleri Cheryl mill-Project Green fejn bagħtet imejl sabiex tara x' reservouirs aċċessibli hawn f'Bormla. Id-deputat seg eżekuttiv staqsiet dwar il-ġibjuni lil kunsilliera, iżda din ser titħalla għall-leġislatura oħra sabiex in ikun elett jitkellem dwar dawn il-ġibjuni li huma ta' importanza għall-istorja ta' Bormla.

**08.3.18** Id-deputat segretarju eżekuttiv bagħtet imejl lil kunsilliera kollha datata 24.04.2024 – 15:58 minn għand is-Sur Lia Joseph mill- Arts Council Malta fejn stieden lil kunsilliera għall sezzjoni informattiva fis- 7 ta' Mejju fil-11:00am dwar *Regional Cultural Coordination Programme*.

**08.3.19** Is-Sindku informa lil kunsilliera li l-Viċi Sindku is-Sa Noyah Spiteri Hammett bagħtet imejl dwar sleeping policeman fi Triq il-Pellegrinaġġ fejn din it-talba intbgħatet għall approvazzjoni mit-TM

**08.3.20** Id-deputat segretarju eżekuttiv spjegat lil kunsilliera preżenti li l-perit Deter Falson bagħat imejl datata 24.04.2024 – 11:07 - sabiex jistaqsi jekk fuq ix-showers,toilets u caffeteria li ser issiru fejnil-grawnd Peppi Delceppo hux ser issir *Change of Architect* peress li l-pjanti kien għamel kollox il-Perit William Lewis u dan diġa qed issir ix-xogħol fuqu minn naħa tal-grawnd u bandli li kważi lesti, għalhekk id-deputat segretarju eżekuttiv staqsiet jekk il-kunsill irriedx li jsir change of architect biex jintrebaħ xi ftit taż-żmien, iżda din l-

applikazzjoni wkoll tieħu ftit taż-żmien u hemm proċeduri. Is-Sur Martin Vella staqsa jekk hux ser ikunu lesti sa 30 ta' Mejju 2024, iżda id-deputat segretarju inufurmatu li le mhux ser ikunu lesti għaliex trid tinħareġ tender u din tieħu madwar 30 ġurnata u 10 t'ijiem oħra għall evalwazzjoni.
Il-kunsillier is-Sur Martin Vella jaqbel ma change of architects, id-deputat segretarju eżekuttiv staqsiet lil kunsilliera l-oħra preżenti u flimkien mas-sindku unanimament qablu ma change of architect.

Id-deputat segretarju eżekuttiv spjegat lil kunsilliera preżenti li minħabba ir-rubber bilfors kien hemm bżonn li jkun hemm security preżenti li dawn jagħmlu 24 siegħa mal-lejl sakemm jitlesta r-rubber biex jinxef għaliex kienu daħħlu bil-lejl u rifsu fuq ir-rubber, b'hekk kellhom jerġgħu jirrnaġaw u jaqtaw fejn kien hemm il-passi. Id-deputat segretarju eżekuttiv talbet il-filmat tal-cctv sabiex tgħaddih lil puluzija sabiex jinvestigaw min daħħal.

Id-deputat segretarju eżekuttiv infurmat ukoll lil kunsilliera preżenti dwar laqgħa li kellha mas-Sa. Marisa Pisani dwar il-ftuħ tal-grawnd Peppi Del Ceppo u x-xogħolijiet li baqgħa, ġie diskuss dwar il-pjant f' dan il-grawn u d-deputat segretarju eżekuttiv infurmat lid-direttur li ser tkellem lil tas-Soft Areas sabiex isebbaħ dan il-grawnd bil-pjanti u fejn hemm il-ħamrija is-Sa. Marisa Pisani issuġġerit li timla biż-żrar jew ċagħaq żgħir ħafna minflok turf peress li jdum ma jikber u m'hemmx irrigation sabiex jiġi inawgurat fl-aħħar ta' Mejju. Id-deputat segretarju eżekuttiv spjegat li taħt iż-żrar ser ikun hemm plastik sabiex il-ħaxix ma jitlax u fil-ħawt il-kbir jagħmel pjanti staġjonali sabiex ikun hemm ftit kulur ta' fjuri. Il-Kunsilliera preżenti qablu dwar dan.

**08.3.21** Is-Sur Marco Agius informa lil kunsilliera li ħadd mill-ħaddiema ma jrid issuq l-isweeper, lanqas is-Sur Neil Schembri li bħal issa m'għandux xogħol għal Mater Dei u ma jridx jagħmel xogħol ieħor ħlief xufier.  Wara diskussjoni mal-kunsilliera preżenti jekk hemmx xi alternattiva sabiex is-Sur Neil Schembri jibqa' mal-kunsill, irriżulta li ma dan l-impjegat ma intlaħaqx kompromess għalhekk il-kunsilliera preżenti talbu lid-deputat segretarju eżekuttiv sabiex tibgħat lil kumpanija tal-CWS biex is-Sur Neil Schembri ma jibqax jaħdem mal-kunsillta' Bormla.  L-istess għas-Sur Etienne Bugeja jekk dan ma jagħmilx ix-xogħol li jkun hemm bżonn bħala manutenzjoni u ma jagħmilx il-ħin li suppost, l-uffiċju għandu jgħarraf il-kumapija tal-RSSL biex ma jibqax jiffirma mal-kunsill lokali ta' Bormla.
Id-deputat segretarju eżekuttiv infurmat ukoll li mis-sibt 4 ta' Mejju 2024 għall-Ħadd 5 ta' Mejju 2024 kellha daħħal kumpanija pirvata Bad Boys sabiex tnaddaf id-diżastru li kien hemm fil-letrini ta' quddiem il-kunsill għaliex il-ħaddiema responsabli ta' dak in-nhar ma kienux fuq il-post tax-xogħol għax qalu li kienu leave u sick, iżda l-uffiċċju ma kienx infurmat għalhekk wara li kellmithom it-tnejn 6 ta' Mejju infurmathom li jekk dan in-nuqqas ta' responsabilta jitnaqsilhom mil-overtime tagħhom. Il-Kunsilliera qablu ma din id-deċiżżjoni.

08.3.22 Is-Sindku is-Sur Marco Agius informa lil kunsilliera preżenti li fid-9.04.2024 is-Sa. Justine Decilis mill-AKL bagħtet imejl dwar Cir AKL 2024/026 – Rights training, min irrid japplika hemm il-link biex tirreġistraw.

08.3.23 Is-Sindku ikkomunika lil kunsilliera dwar il-kwotazzjoni li bagħat il-perit dtata 24.04.2024 – 9:39 dwar Chairlift li dan jiswa 11,728 euros għalhekk trid tinħareġ tender u d-deputat seg eżekuttiv ħadet ħsieb li tibgħat imejl lis-Sur Duncan Hall sabiex jinħadem id-dokument tat-tender. Is-Sur Duncan Hall għandu bżonn it-technical specs minn għand il-Perit Deter u dan ser jibgħatlu kollox sabiex id-dieħla titla din it-tender fuq l-EPPS.

08.3.24 Is-Sindku is-Sur Marco Agius informa lil kunsilliera dwar imejl li intbghatet lil kunsilliera datata 24.04.2024 – 14:53 dwar Happy Parenting – Intrnational Conference on Parental Allianation. Min irrid jista jattendi għal din il-Konferenza.

08.3.25 Is-Sindku informa lil kunsilliera li TM bagħtet imejl datata 24.04.2024 – 7:42 – fejn infurmat lil kunsill li is-Sur John Portelli ħalla din id-dinja u hemm bżonn li titneħħa il-personalised Reserved Parking fuq Verdala.

08.3.26 Is-Sindku informa lil kunsilliera dwar skema Skema Ġonna Urbani li l-għeluq ta' din l-iskema hija 31 ta' Mejju 2024. Wara diskussjoni bejn il-kunsilliera iddeċidew li jsiru x'imkien fejn jistgħu jissaqu. Id-deputat segretarju qaltilhom sabiex jaħsbuha u jinfurmawha aktar tard biex timtela din l-applikazzjoni. Is-Sur Johan Scerri issuġġerixa biex issiru fejn it-taraġ tas-sagra familja, is-sur Martin Vella ma jsib l-ebda oġġezzjoni ġa ladarba jissaqew. Is-Sindku issuġġerixa li jsir siġar taċ-ċitru fejn il-każin tal-banda, fuq San Ġwann T' Għuxa fejn ser issir l-embelishment tad-diżlivelli u fejn Santa Tereża.

08.3.27 Is-Sindku spjega lil kunsilliera preżenti li fil-15.04.2024 id-deputat seg eżekuttiv iltaqgħet mal-kuntrattur Aaron tad-Delta Projects Solutions u l-Perit Deter Falzon fejn marru fuq il-post sabiex jinbeda ix-xogħol fuq San Ġwann fejn hemm id-diżlivelli, il-perit iddiskuta mad-deputat segretarju eżekuttiv li dan ma ħarġux hu l-BOQ u l-pjanti iżda l-perit William Lewis għalhekk kien hemm il- bżon li jsir *change of architect* fejn din il-formola riedet tiġi iffirmata miż-żewġ periti u ttitella' fuq E app tal-PA, u wara l-proċeduri minn naħa tal-BCR il-kuntrattur jista jibda dan ix-xogħol.

8.3.28 Is-Sindku is-Sur Marco Agius spjega wkoll li fit-22.04.2024 id-deputat segretarju eżekuttiv iltaqgħet mal-perit Deter Falzon u l-kuntrattur tal-Urban Play Solutions u Joe Desira fejn iddiskutew il-BOQ dwar il-bandli ta' fejn il-Cospicua Rangers għaliex kien hemm żball fil-qis tar-rubber minn 55 m kwadru riedet tigi 100m kwadru b' kuluri differenti tar-rainbow kif ukoll il-kuntrattur kellu jordna it-tlett panels biex jiġu installati u tintrema is-seasaw, tinqala ż-żurżieqa u l-bandla eżistenti għaliex mhux up to standard u tinqala

l-bandla l-kbira tad-diżabilita'  u tintrefa biex titpoġġġa fil-bandli ta Santa Margerita.  Irrid jiġi ordnat il-fence ukoll u l-bins u l-bankijiet jinqalaw u jerggħu jitpoġġu f'posthom.

**8.3.29** Is-Sindku qara l-imejl datata 23.04.2024 – 12: 48 minn għand is-Sa. Angela Pennisi. Din l-imejl intbgħatt lil kunsilliera kollha – fejn qed titlob li tixtieq tiltaqa mal-kunsilliera kollha.  Il-Kunsilliera preżenti qalu li din is-sinjura għandha tiltaqa mal-kunsilliera l-ġodda tal-leġiżlazzjoni li jmiss sabiex tati l-ideat tagħha.

**8.3.30** Is-Sindku is-Sur Marco Agius informa l-kunsilliera preżenti dwar imejl datata 22.04.2024 – 14:11 mill-AKL  dwar Ċirkulari  AKL/2024/028 MCAST Summer Teams Camp – etajiet minn 13 sa 16 il-sena.  Għalla aktar informazzjoni iċċemplu fuq  23987973.  Din l-imejl intbagħtet lil kunsilliera kollha u ġiet imtella' fuq il-paġna tal-kunsill ta' Bormla.

**8.3.31** Id-deputat segretarju eżekuttiv spjegat li fit-22.04.2024 – 10: 23 –is-Sa. Phoebe Smith minn VARCITIES ser itella' webinar dwar partners min hu interessat f' Ġunju ser tkun din il-webinar u ser tibgħat id-dati aktar il-quddiem.

**8.3.32** Id-deputat segretarju eżekuttiv spjegat il-BOQ tal-Fanali ta' Verdala li bagħat il-perit Deter Falzon li tammonta għall-46,917 euros u jekk jaqblu il-kunsilliera preżenti  jinħadmu id-dokumenti sabiex titella' fuq l-Epps.  Il-Kunsilliera preżenti qablu ma din il-BOQ. Kif ukoll id-deputat segretarju eżekuttiv spjegat ix-xogħol tal-BOQ li hemm dwar il-Play Area li din tammonta għall- 39,810 euro. Dawn jinkludu it-tapit u l-bandli u l-fence ġodda u tiġi restawrata il-gazeboo.  Il-Kunsilliera qablu ma dan sabiex jinħadmu d-dokumenti tal-BOQ tal-Play Area sabiex jitellgħu fuq l-EPPS.

**8.3.33** Is-Sindku is-Sur Marco Agius qara l-imejl datata19.04.2024 – 8:50 minn għand il-Formac Ltd fejn bagħtu kwotazjoni sabiex jerġa jiġi tranġat ir-railing ta' wesgħat in-Nattivita li inqala għaliex ix-xogħol ma kienx sew. Dawn qatt ma bagħtu lil kunsill id-disinn bil -perit iżda xi darba bagħtu *scatch* ta' kif kellu jiġi dan ir-railing.  Il-Kunsilliera preżenti ma qablux ma din il-kwotazzjoni għaliex ix-xogħol la ma kienx tajjeb ma jistax jiġi mħallas biex jiġi tranġat. Meta l-kunsillier is-Sur Martin Vella u deputat segretarju eżekuttiv iltaqgħu mal-ħaddiema kien miftiehem li jibgħatu d-disinn kif ser issir iżda dan id-disinn qatt ma wasal il-kunsill ta' Bormla.

**8.3.34** Is-Sindku tella' l-ittra mibgħuta fis-17.04.2024 – 19:50 minn għand l-avukat Peter Paul Zammit  dwar il-ħsara li saritlu fuq il-vettura tiegħu, din il-ħsara saret f' Jannar u l-ammont jilħaq għall-621 euro. Id-deputat segretarju eżekuttiv ser tivverifika mal-awtoritajiet jekk dik iż-żona taqax taħt il-ġuridizzjoni ta' Bormla.

**8.3.35** Is-Sinkdu is-Sur Marco Agius qara l-imejl mibgħuta fl-10.04.2024 – 18:13 minn għand is-Sa. Catherine Fenech mil-lands fejn baghtet il-kunsens LC1/2023/0110 fi Ġnien il-Cotonera fi Triq Allesandra c/w Triq l-immakulata c/w Triq San Nikola Bormla. *Regeneration and rehabilitation of Area into a public space including a picnic area and dog park outdoor training area and kiosk and bicicle tracks. The proposal also includes the installation of various playing equipment arount the site.*

**8.3.36** Is-Sindku qara imejl datata 4.05.2024 – 19:46 minn għand is-Sur John Paris fi Triq Matty Grima fejn jixtieq li jkun hemm aktar *Dog Bins* u is-Suq Bonnici jiġi trasformat f'suq fejn jinbigħu l-artiġjanat Malti u jkun hemm cafeteria. Il-Kunsilliera qablu ma dawn l-ideat, iżda jridu jsiru aktar diskussjonijiet għaliex din hija propjeta tal-Lands u mhux tal-kunsill.

**8.3.37** Is-Sindku qara l-imejl datata 10 t'April 2024 : 11:17 mis-Sur Zammit Wayne dwar il- HEALTH & FITNESS DAY il-Ħadd 23 ta' Ġunju 2024 din l-imejl intbgħatet lil kunsilliera kollha.

**8.3.38** Is-Sindku ressaq imejl datata 3.05.2024 fejn ġie imneħħi parkeġġ personaliżżat fi triq il-Pellegrinaġġ għaliex is-Sur Emmaniuel ġie nieqes.

**8.3.39** Fid-9 t' April 2024 l-ispettur Gabriel Kitcher bagħat xi żoni li huma dangerous structures iżda l-kunsill m'għandux ta' min huma dawn il-propretajiet.

**8.3.40** Is-Sindku informa l-kunsilliera preżenti li fis-27, 28 u 29 l-Akl talbu l-permessi meħtieġa sabiex issir il-laqa' annwali fuq ir-regatta klabb ta' Bormla.

**08.3.41** Is-Sindku is-Sur Marco Agius ressaq it-talba tal-Cleansing sabiex jekk il-kunsilliera preżenti jaqblu ma dan il-ftehim, il-baġit tal-knies immur għand il-Cleansing Department u jieħdu ħsieb il-knies f' Bormla il-Cleansing Department. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma dan għaliex mhux qed ikollhom tindif biżżejjed għaliex fil-kuntratt m'hemmx kenniesa biżżejjed.Il-Kunsilliera qablu li dan għandu jiġi fis-seħħ hekk kif jispiċċa l-kuntratt tal-knies.

**08.3.42** Is-Sindku is-Sur Marco Agius issuġġerixxa jekk tistax terġa issir rampa fit-tul Fi Triq San Ġużepp. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma din il-proposta.

**08.3.43** Id-Deputat segretarju Eżekuttiv resqgħet imejl minn għand is-Sa. Lucianne Bugeja mill-kottonera Founndation jixtiequ li titella' it-tielet edizzjoni ta' dock music għall-20 ta' Settembru 2024. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma din l-edizzjoni.

**08.3.44** Is-Sindku s-Sur Marco Agius iddiskuta mal-kunsilliera preżenti dwar l-Ġemelaġġ li hemm bejn Bormla u B'Kara sabiex it-Tlieta fid-19 ta' Novembru

2024 issir attivita li tkun reċiproka għaż-żewġ lokalitajiet. Għal dan il-ġemelaġġ is-Sur Marco Agius qal li hemm fond ta' 15,000 ewro kull lokalita'. Is-Sur Johan Scerri propona li issir attivita ta' baned eż għaxar siltiet minn xi films quddiem il-monument tal-gwerra ta' Bormla għaliex dan għandu sinifikat ma B'kara ukoll. Is-Sindku is-Sur Marco Agius issuġġerixa li ssir ġurnata ta' sports. Is-Sur Martin Vella issuġġerixa li issir mafkar żgħir biex ikunu jistgħu jagħtu tifkira reċiproka bejn iż-żewġ lokalitajiet u s-Sur Johan Scerri issuġġerixa li jsir mafkar zgħir maġenb il monument u jiġi inawgurat fil-ġurnata. Id-deputat segretarju eżekuttiv issuġġerit li dan li ġie diskuss tibgħatu li-segretarju eżekuttiv ta' B'kara biex jaraw x'jista jsir u suġġerimenti tagħhom ukoll. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma dan.

**08.3.45** Id-deputat segretarju eżekuttiv resqet petizjoni li bagħtet il-kunsilliera is-Sa. Rita Gatt li ġabret minn għand ir-residenti ta' Triq San Ġwann u Triq il-Madonna tal-Grazzja sabiex issir struttura jew passaġġ sabiex ir-residenti ta' dawk l-inħawi tiffaċilita' l-abitazzjoni tagħhom. Id-deputat segretarju eżekuttiv qrat din il-petizzjoni u ħalliet lil kunsilliera preżenti sabiex jiddiskutu din il-petizzjoni. Il-Kunsilliera preżenti ma qabilx li l-kunsill japplika għall-permessi f'isem dawn ir-residenti wisq iżjed li l-kunsill m'għandux iħallas dawn l-ispejjeż tal-perit. Il-Kunsillier is-Sur Martin Vella saqsa min ser ikollu aċċess għall dawn il-passaġġi u l-kunsilliera Sa. Rita Gatt wieġbet li hemm tlett familji, dan ifisser li m'hux ser ikun aċċessibli għall-pubbliku għalhekk ilkunsill aktar u aktar ma jistax jidħol f'din il-petizzjoni. Is-Sur Johan Scerri qabel mas-Sur Martin Vella li dan l-aċċess mhux għar-residenti kollha ta' Bormla iżda għall tlett familji għalhekk din ma tistax tiġi fis-seħħ minn naħa tal-kunsill. Is-suġġerimenti tal-kunsilliera preżenti kien li dawn il-familji jqabbdu l-perit huma personali u l-ispejjeż jinqasmu bejnithom u mhux jitqabbad mil-kunsill lokali ta' Bormla.

**08.3.46** Is-Sindku is-Sur Marco Agius issuġġerixa li fit-30 ta' Mejju jiġi inawgurat il-grawnd Peppi Delceppo fejn tiġi mistiedna l-Onor. Alison Zerafa Civelli għal-kxief tal-irħama ta' inawgurazzjoni li ser titpoġġa fuq il-ħajt li ser jiġi invjat fejn ser ikun hemm changing rooms u cafeteria aktar il-quddiem, għaliex dawn il-kmamar mhux ser ikunu lesti għal din il-leġislatura. Il-Kunsilliera Johan Scerri u Martin Vella qablu li jġibu tim tan-nursery sabiex jilgħabu logħoba għal-ftuħ ta' dan il-grawnd u jingħataw midalja bħala tifkira u fl-istess ħin issir riċiviment żgħir fejn jiġu mistiedna l-kunsilliera kollha, NGO's, u aktar mistiedina distinti. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma dan kollu.

**08.4** **Tweġibiet għall-mistoqsijiet mill-kunsilliera**

Is-Sindku / Deputat Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Isla
08.4.1 2/4, Triq San Gużepp
Isla

Jiena Martin Vella nixtieq nistaqsi l-kunsill applika jew intbgħatet imejl lit-TM sabiex il-Mina ta' Bormla li tati għall-fgura tiġi one way, preferibilment minn Bormla direzzjoni għal Fgura dan għal fatt li biex jgħaddu in-nies minn taħt din il-mina ma hemmx bankina bil-konsegwenza li jista jsir inċident?

Id-deputat segretarju eżekuttiv wieġbet le din l-imejl għada ma ntbgħatitx u d-deputat segretarju eżekuttiv staqsiet lil kunsillier is-Sur Martin Vella sabiex jgħaddilha xi ritratti sabiex tifhem aħjar u tkun tista tfiehem lit-TM aktar fid-dettal.

**Approvazzjonijiet ta' Skedi ta' ħlasijiet**

**08.5** Id-Deputat segretarju eżekuttiv resqgħet l-iskeda ta' pagamenti numru 5/2024 u l-petty cash għax-xahar t' April 2024 fuq il-mejda tas-seduta fejn ġew approvati mill-kunsillier is-sur Martin Vella u s-sekondati mill-kunsilliera is-Sa Rita Gatt.

**08.5.1** Is-Sur Martin Vella ġibed l-attenzjoni li għandha tinħareġ default notice lil kuntrattur tal-knies għaliex ix-xahar t' April 2024 il-kuntrattur tal-knies kellu ħafna nuqassijiet ta' knies fit-toroq fejn il-kunsillier responsabbli mill-knies kien bagħat ħafna ritratti fuq chat tas-supervisor tal-knies u dawn in-nuqassijiet baqagħu kif kienu. Il-Kunsilliera preżenti qablu mad-default notice u li jitnaqqas 5% mill-pagament tal-kuntrattur tal-kenniesa.

**Mozzjonijiet**

**08.6** Ma kienx hemm

**08.6.1** **Sejħiet għall-Offerti**

**08.7** Ma kienx hemm

**08.7.1** **Rapporti**

**08.8** Id-deputat segretarju eżekuttiv bagħtet ir-rapport ta' l-ewwel kwart għas-sena 2024 permezz ta' imejl lil kunsilliera kollha fejn jindika li dan l-ewwel kwart ingħalaq

**08.8.1** f'pożżizzjoni pożżittiva. Il-Kunsillier is-Sur Johan Scerri approva dan ir-rapport u l-kunsilliera s-Sa. Rita Gatt issekondat dan ir-rapport ta l-ewwel kwart 2024.

08.8.2 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imejl ir-rapport tal Financial Statements għas-sena 31.12.2024 sabiex jiġi approvat waqt is-seduta numru 8/2024 u jintbgħat lil awdituri. Ir-rapport tal-estimi finanzjarji għas-sena 2024 ġew apporvati mill-kunsilliera preżenti.

08.9 **Aġġornament tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss**

08.9.1 Is-Seduta ntemmet fit-7:45pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 30 ta' Mejju 2024 fil-5:30p.m

Konfermati, illum ________________________________

_______________ _____________________

**Marco Agius**
Sindku

**Graziella Gellel**
Deputat Segretarju Eżekuttiv